MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Numru 128/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**HUSSEN MILOD M A TAIAB**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet mibjuga kontra Hussen Milod M A Taiab, ta’ 25 sena, bin Milod u Tera Rakab, imwieled Tripoli nhar is-17 ta’ Dicembru, 1980, residenti fil-fond numru mhux maghruf, detentru tal-passport libjan numru 208371;

Akkuzat talli nhar is-7 ta’ Frar, 2006, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta’ fil-ghaxija (1730hrs), gewwa Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar:

Volontarjament kisser u/jnew ghamel hsara f'bieb tal-*aluminium* ta' Flat 2, gewwa Argyll Court, Triq l-Alka kif ukoll gwardarobba tal-Flat numru 5 ta' Lucy Bonello, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 128 546 (M) liema ammont huw ta' Lm61.36 (wiehed u sittin lira maltin, u sitta u tletin centezmu).

Wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Din il-Qorti qiegheda ssib lil-imsemmi Hussen Milob M A Taiab hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tikkundannah ghal perjdou ta' prigunerija ta' tlitt (3) xhur sospizi ghal sena (1), *ai termni* tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------